MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 380/2010

**A B C f'isimha personalment u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E nominata b'digriet tal-10 ta' Novembru 2010**

**-vs-**

**F E;**
**G H; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C f'isimha u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E fejn din, wara li ppremettiet:

Illi fl-20 ta' Marzu 2009 twieldet il-minuri D E skond certifikat tat-twelid (anness u mmarkat bhala Dok. A 1 u 2);

Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat F E, fil-fatt il-minuri gie koncepit f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti ghandha mal-intimat G H;

Illi r-rikorrenti u l-intimat F E isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 19 ta' Ottubru 2010 (anness u mmarkat bhala Dok. B);

Illi r-rikorrenti proprju et nomine ghandha interess li tigi stabbilita il-paternita' tal-minuri D.

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara li l-intimat F E m'huwiex il-missier naturali tal-minuri D;

Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat G H huwa l-missier naturali tal-minuri D li twieldet fl-20 ta' Marzu 2009;

Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem 'F E' u tissostitwih bl-isem 'G H' u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet tal-intimat G H li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lill-minuri bil-kunjom 'H'.

Bl-ispejjez kontra l-intmati, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat in-nota ta' G H li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet attrici.

Rat in-nota ta' F E fejn dan iddikjara illi jaqbel mat-talbiet attrici stante li l-minuri D mhux bintu naturali.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi ghalkemm b'effett mill-14 ta' Jannar 2011, azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' paternita' ta' tarbija mwielda fi zwieg tista' tigi ezercitata mill-omm ai termini tal-artikolu 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri D E, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri D, tinkiseb l-awtorizazzjoni mill-istess Qorti ghall-prosediment tal-azzjoni odjerna.

Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri D E, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 77D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghall-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri D, kienet wettqet adulterju mal-intimat G H u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici li jindikaw lil G H bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri D, u dan ai termini tal-artikolu 77B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti jridu fl-istess waqt jeghlbu l-presunzjoni legali

mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juru li l-pussess ta' stat tal-minuri D E ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;

Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem F E, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 1173 tas-sena 2009;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

BL-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-2 ta' Mejju 2011 fejn l-istess attrici talbet:

Illi l-esponenti naqset li tipprosegwi skond id-dettami tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 permezz ta' rikors appozitu precedenti ghall-kawza u pprosegwiet direttament permezz ta' din l-istanza, li tinsab pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

Illi a skans li jigu irtirati l-proceduri odjerni stante li sar hafna xoghol u anke gie ipprezentat ir-rapport dwar testijiet genetici fejn jirrizulta li l-minuri D hija wild naturali tal-intimat G H bi skop ta' ekonomija tal-gudizzju, l-esponenti xtaqet li titlob f'din il-kawza stess, sabiex il-Qorti taghtiha l-opportunita' tispjega u tiggustifika it-talbiet f'din l-istanza;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, skond id-dettami tal-Artikolu 77C stante li l-esponenti naqset li tipprocedi fi zmien 6

xhur mit-twelid tal-minuri, tisma' lill-partijiet kollha koncernati u tqis id-drittijiet kollha tar-rikorrenti u tal-minuri u tawtorizza lill-esponenti tipprosegwi b'din l-istanza.

Rat li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma opponiex ghal din it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2011, li permezz tieghu, il-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprosegwi bil-proceduri.

Rat id-dokumenti annessi u x-xhieda prodotta.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi prodotti partikolarment mir-rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti illi t-talba tal-attrici hija gustifikata u jisthoqqilha li tigi milqugha kull presunzjoni legali ghalhekk giet meghluba.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' t-talbiet tal-attrici;

2. Tiddikjara li F E m'huwiex missier naturali tal-minuri D;

3. Tiddikjara li missier il-minuri D huwa G H;

4. Tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 1173 tas-sena 2009 mill-kolonna bid-dettalji dwar il-missier jithassru l-konnotati ta' F E u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' G H, Nru. tal-Karta tal-Identita' 659662(M), imwieled Msida u residenti Pembroke, bin I, haj.

Ghandhom jithassru ukoll il-kliem '*the said*' mill-kolonna bid-dettalji tal-omm.

L-ispejjez jithallsu minn A B C.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------